MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-8 ta' April, 2010

Talba Numru. 1001/2009

**Marlene Debattista – I.D. 956050[M]**

**vs**

**Terrence u Mary konjugi Seabrook**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta' Novembru tas-sena 2009 fejn intalab sabiex il-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-attrici s-somma ta' seba' mija u tlieta u disghin ewro u centezmu (€793.01c) rapprezentanti arretrati ta' hlas rigwardanti l-konsum ta' dawl u ilma fuq il-post numru 80 bl-isem ta' Ivory, Triq San Gwann il-Fgura, u dana ghal zmien meta l-istess fond kien mikri lill-konvenuti; bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Ra illi ghalkemm il-konvenuta inghatat l-opportunita` sabiex tipprezenta r-risposta formali taghha in

kontestazzjoni ghat-talba attrici, hija naqset li taghmel dan.

Ra wkoll li l-konvenuta naqset li tidher quddiem dan it-Tribunal ghal diversi seduti minghajr ma inghatat raguni kawzibbli.

Sema' il-provi prodotti mill-attrici, fosthom ix-xhieda ta' l-istess attrici u dak ta' Erick Montfort, u kif ukoll id-dokumenti rispettivi minnhom esebiti.

Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentat l-ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici, u kif ukoll gie nnotat illi l-konvenuta naqset ukoll illi tipprezenta l-provi taghha fis-seduti li kien hemm iffissati ghal provi kollha tal-partijiet.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi fuq il-provi migjuba quddiemu qieghed jilqa' it-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-istess attrici s-somma mitluba ta' seba' mija u tlieta u disghin ewro u centezmu (€793.01c) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' l-odjerna kawza u bl-ispejjez kollha kif rikjesti kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------